MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**MARK CHETCUTI**

Seduta tad-29 ta' Marzu, 2012

Citazzjoni Numru. 1214/2010

**Monica Fenech, Mandy Fenech, Alodie Fenech, Karsten Fenech u Nevis Fenech**

**vs**
**Dr. Mark Busuttil u P.L. Veronica Rossignaud gew nominati kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-assenti Mario Fenech b'digriet tal-31 ta' Jannar 2011, Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-atturi tat-23 ta' Novembru 2010 li jghid hekk:

1. Illi r-rikorrenti Monica Fenech hi mart l-assenti Mario Fenech, filwaqt li r-rikorrenti l-ohrajn huma ulied l-istess Mario Fenech, u ghalhekk huma l-eredi skond il-ligi tal-imsemmi assenti;

2. Illi fis-26 ta' Novembru 1998, Mario Fenech miet f'disgrazzja li sehhet fuq il-bahar bejn Malta u Sqallija, u ilu nieqes minn dik id-data sal-lum;

3. Illi minn dakinhar sal-lum l-esponenti ma semghu l-ebda ahbar dwar l-imsemmi Mario Fenech nonostante li issa ghaddew aktar minn ghaxar snin mid-data tal-incident, u ghalhekk Mario Fenech huwa prezunt mejjet;

4. Illi pero d-Direttur tar-Registru Pubbliku qed jirrifjuta li johrog certifikat tal-mewt prevja ordni minn din l-Onorabbli Qorti;

Ghaldaqstant ir-rikorrenti jitolbu bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti jogghobha:

i. Tiddikjara illi l-assenza tal-intimat Mario Fenech minn dawn il-gzejjer ilha tippersisti ghal zmien ta' ghaxar snin kontinwi mid-data tal-ahhar ahbar dwaru;

ii) Tiddikjara ghalhekk illi l-intimat Mario Fenech huwa prezunt mejjet;

iii. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex johrog certifikat tal-mewt ta' Mario Fenech;

iv. Takkorda lir-rikorrenti d-dhul fil-pussess assolut fil-beni tal-assenti u l-ezercizzju assolut tal-jeddijiet li jiddependu mill-mewt tal-assenti;

v. Tiddikjara mahlula l-garanziji, u li ma ghandhomx isehhu l-kawteli l-ohra li setghu gew ordnati fil-konfront tar-rikorrenti tul dawn l-ahhar ghaxar snin;

Bl-ispejjez kontra l-intimati ingunti minn issa ghas-subizzjoni;

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li tghid hekk:

1. Illi din ir-risposta guramentata qeghda ssir in osservanza mad-digriet moghti minn din l-Onorabbli Qorti fit-8 ta' Frar 2011;

2. Illi in limine litis jigi eccepit in-nuqqas ta' kompetenza ratione materiae ta' din l-Onorabbli Qorti sabiex taqta' u tiddeciedi t-talbiet tar-rikorrenti stante li hekk kif kalendat fl-artikolu 5(a) tal-Ordni dwar it-Twaqqif ta' Sezzjonijiet tal-Qrati Civili (Legislazzjonl Sussidjarja 12.19) kwistjonijiet pertinenti t-Titolu VII tal-Ewwel Ktieb tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jirregola l-Persuni Assenti ghandhom jigu ntavolati quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni ta' Gurisdizzjoni Volontarja) u rnhux quddiem iI-Prim Awla tal-Qorti Civili;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti jissottolinea li sabiex tintlaqa' t-tielet talba kif dedotta mir-rikorrenti huwa mehtieg skond l-artikolu 299 tal-Kap. 16 tal-Ligijlet ta' Malta li jigi muri dan li gej:

a. Li l-assenza ta' Mario Fenech baqghet tkompli ghal zrnien ta' sitt snin wara d-dhul fil-pussess provvizorju ta' hwejjeg l-assenti Mario Fenech ai termini tal-artikoli 208 et sequitur tal-Kap. 16 tal-Ligljiet ta' Malta jew alternattivament, l-assenza tal-imsemmi Mario Fenech tkun giet iddikjarata permezz ta' sentenza kif provdut taht l-artikolu 223 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta iddikjarata permezz ta' sentenza kif provdut taht l-artikolu 223 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

b. Li l-assenti Mario Fenech ma kienx ingaggat u jservi f'xi armata ta' pajjiz barrani a tenur tal-artikolu 235 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta; u

c. Li r-rikorrenti sa fejn jafu ghandhorn jispecifikaw il-partikolaritajiet kollha li hemm imnizzla fl-artikolu 301 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex dawn jigu inseriti fic-certifikat tal-mewt tal-assenti kif jiddisponi l-artikolu 299(2) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Illi, dejjem minghajr pregudizzju ghal-fuq premess, l-esponent jiddikjara li huwa assolutament mhuwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat in disamina

u ghalhekk ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-mertu tal-kaz in kwistjoni huwa qieghed umilment jirrimetti ruhu ghas-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;

Daqstant ghandu x'jissottometti l-esponenti f'dan l-istadju ghas-savju w ulterjuri gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati li tghid hekk:

Illi l-esponenti m'humiex edotti mill-fatti u ghalhekk qeghdin jirriservaw id-dritt li jipprezentaw risposta motivata f'kaz u jekk jigu edotti mill-fatti;

Salv risposta ulterjuri;

Rat illi l-ewwel eccezzjoni tad-Direttur tar-Registru Pubbliku dwar l-inkompetenza ta' din il-Qorti giet michuda b'sentenza ta' din il-Qorti tal-4 ta' Ottubru 2011;

Rat l-atti kollha tal-kawza u dokumenti prodotti;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza ghad-29 ta' Marzu 2012.

**Ikkunsidrat**

Din hi kawza maghmula  a bazi tat-tieni parti tal-artikolu 223 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex jigi dikjarat li persuna ilha assenti ghal aktar minn ghaxar snin kontinwi mid-data tal-ahhar ahbaru u ghalhekk tezisti l-prezunzjoni tal-mewt.

**Fatti**

F'dan il-kaz il-persuna hi Mario Fenech bin Tarcisio Fenech u Catherine nee Baldacchino, li twieled fit-23 ta' Ottubru 1958 fil-Marsa, Malta. Ic-certifikat tat- twelied tieghu gie esebit a fol. 58 tal-process.

Jirrizulta illi Mario Fenech kien mizzewweg lil Monica Fenech li minn dan iz-zwieg kellu tlett itfal, Mandy, Alodie u Karsten. Mario Fenech kellu tifla ohra barra miz-zewg cioe Nevis Fenech.

Martu Monica Fenech tixhed fl-affidavit taghha a fol. 45 tal-process illi zewgha ma kienx ingaggat u jservi f'xi armata ta' pajjiz barrani. Fis-26 ta' Novembru 1998 rceviet telefonata minghand missier zewgha fejn infurmaha li Mario Fenech kien hareg fuq il-bahar u ma ritornax. L-ghada saru jafu bit-tragedja li sehhet fuq il-bahar bejn Malta u Sqallija fejn tilfu hajjithom zewgha u Fathi Ben Habib. Xi jumejn wara cemplilha certu Mark Said, Ufficjal tal-Forzi Armati fejn infurmaha li d-dghajsa li kienu fuqha zewgha u Ben Habib rawha mgharrqa taht il-bahar. Inoltre qalilha li filwaqt li rnexxielhom itellghu lil Ben Habib gia mejjet fuq lanca tal-Forzi Armati, meta bdew itellghu il-kadavru ta' Mario Fenech, dan rega' waqa' l-bahar u ghereq u ma setghux jilmhuh aktar. Monica Fenech tghid illi qatt ma regghet rat lil Mario Fenech u konvinta li hu mejjet.

Ix-xiehda ta' Monica Fenech tirrizulta konfermata fil-fatti mir-rapporti tal-gazzetti lokali esebiti (Dok. MF1 sa MF8) li kollha jikkonfermaw illi l-kadavru ta' Mario Fenech ma ttellax fuq il-lanca tal-Forzi Armati Taljani ghax kien ghereq waqt il-hidma ta' salvatagg.

Ulied Mario Fenech kollha kkonfermaw l-verzjoni ta' ommhom.

**Ligi**

L-artikolu 223 jaghti diskrezzjoni lil Qorti li wara li tisma' l-provi tiddeciedi jekk dawn il-provi jwasslux ghal konvinzjoni morali li l-persuna assenti, u li ilha hekk ghal perjodu ta' ghaxar snin kontinwi, hi fil-fatt prezunta mejta.

F'dan il-kaz il-provi jidhru cari bizzejjed li ma jhalliex dubbju ragonevoli f'mohh il-Qorti li Mario Fenech jista' jkun ghadu haj. Il-provi li ngiebu specjalment dawk tal-

gazzetti li lkoll jikkonfermaw l-istess haga, jaghti lok ghal prezunzjoni logika u ragonevoli illi Mario Fenech miet b'dizgrazzja fuq il-bahar vicin Sqallija aktarx fis-26 ta' Novembru 1998. Din il-Qorti mhix koncernata tindaga x'kien qed jaghmel Mario Fenech dakinhar li miet. L-iskop ta' din il-kawza hi l-accertament li Mario Fenech miet dakinhar jew vicin dakinhar. Jidher mill-estratti tal-gazzetti illi l-kadavri ta' Mario Fenech u siehbu instabu mill-Forzi Armati Taljani qrib id-dghajsa taghhom li wkoll kienu maqluba u bil-hsara pero ghal xi raguni jew ohra l-kadavru ta' Mario Fenech ma rnexxilhomx jirkuprah ghax ghereq meta kienet qed tigi effettwata l-operazzjoni ta' salvatagg.

Minn dak iz-zmien lil hawn ma ngiebet ebda prova illi dawn il-fatti mhux minnhom jew hemm dubbju serju dwar il-veracita taghhom.

Ghalhekk il-Qorti tqis illi l-atturi ppruvaw l-ewwel zewg talbiet taghhom li Mario Fenech hu prezunt mejjet u dan kif titlob il-ligi fl-artikolu 223 tal-Kapitolu 16.

Billi intlaqghu l-ewwel zewg talbiet hu lecitu ghall-atturi li jaghmlu t-talbiet l-ohra taghhom cioe dawk li jikkoncernaw il-hrug ta' certifikat tal-mewt, l-ghoti tal-pussess assolut tal-beni ta' Mario Fenech u t-tnehhija ta' kull garanzija u kawtela. Jigi relevat minn din il-Qorti illi l-azzjoni kompetenti taht l-artikolu 223 tispetta lill-eredi testamentarju jew l-eredi skond il-ligi.

Il-prova li Monica Fenech u/jew uliedu huma l-eredi skond il-ligi jew skond testment li seta' ghamel Mario Fenech tispetta lill-atturi. Il-prova li ngiebet tikkonsisti fid-depozizzjoni ta' Monica Fenech li hi kienet mart Mario Fenech u li kellu erba' ulied, tlieta minnhom fiz-zwieg maghha. Din il-prova mhix kontradetta.

Il-Qorti fic-cirkostanzi ma thoss li ghandha tichad lill-atturi milli jinghataw pussess assolut tal-beni ta' Mario Fenech li qed jigi prezunt li miet u dan bla pregudizzju ghal dak li jipprovdi l-istess Kapitolu 16 senjatament fl-artikoli 227, 228, 230 u 231.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet kollha attrici kif dedotti cioe

1. Illi Mario Fenech ilu assenti ghal aktar minn ghaxar snin kontinwi mid-data tal-ahhar ahbar tieghu u dan ghal-finijiet u effetti kollha tal-ligi, inkluz id-dispozizzjonijiet imsemmija fl-artikoli 223, 234 u 299 tal-Kodici Civili;

2. Takkorda lill-atturi d-dhul fil-pussess assolut fil-beni tal-assenti Mario Fenech u l-ezercizzju assolut tal-jeddijiet li jiddependu mill-mewt tal-assenti;

3. Tiddikjara mahlula l-garanzija, u li ma ghadhomx isehhu l-kawteli l-ohra li setghu gew ordnati fil-konfront tal-atturi tul dawn l-ahhar ghaxar snin;

Fic-cirkostanzi l-ispejjez jithallsu mill-atturi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------